V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8779 — PAI Partners/Albéa)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 43/04)

1. Fid-29 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifka ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PAI Partners SAS ("PAI Partners") (Franza), hija kumpanija indipendenti li tiġġestixxi u tagħti konsulenza dwar fondi apposta ta' ekwità privata.

— Albéa SA (Albéa) (il-Lussemburgu), li hija kkontrollata indirettament minn fondi ġestiti minn Sun Capital Partners.

Pai Partners takkwista, fis-sens tal-Artikolu (1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Albéa kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PAI Partners: kumpanija ta' ekwità privata li tiġġestixxi u toffri konsulenza lil numru ta' fondi li huma sidien ta' kumpaniji attivi f'diversi setturi tan-negozju, bħas-servizzi kummerċjali, prodotti tal-ikel u tal-konsumatur, industriji ġenerali, kura tas-saħħa, u l-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni;

— Albéa: soluzzjonijiet ta' ppakkjar għall-industrija tas-sbuħija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8779 — PAI Partners/Albéa

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË